HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 50** **IT-TLIETA 26 TA' APRIL 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 26 ta' April 2011 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Jeffrey Camilleri, Angelo Briffa, Margaret Mercieca, Bjorn Azzopardi, Simon Vella Gregory u Ralph Puli.

Il-Kunsilliera Thomas Harmsworth, indispost, u Dennis Zammit u Jason Busuttil kienu skużati għaliex ma setgħux jattendu minħabba xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**50/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 49**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 49 li nżammet nhar it-Tlieta 12 ta' April 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur it-tmien Kunsilliera (8) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 49 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

## 50/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET

**50/02/01** Is-Sindku nforma li l-kuntratt tax-xiri tal-garaxx li se jintuża bħala estensjoni tal-bini tal-Kunsill kien iffirmat nhar it-Tnejn 18 ta' April. Is-Sindku nforma wkoll li l-ħaddiema tal-IPSL bdew ix-xogħol ta' tbattil u tindif tal-post, bi preparazzjoni għal xogħol ieħor ta' bini li jeħtieġ li jsir.

**50/02/02** **Is-Sindku** fakkar li nhar il-Ħamis 28 ta' April f'nofsinhar se jaslu l-grupp ta' Franċiżi minn Feyzin, u fil-għaxija se jinżamm *get-together* fis-sebgħa ta' fil-għaxija, fejn flimkien maż-żgħażagħ tal-Kunsill taż-Żgħażagħ se jkun organizzat programm flimkien. Il-grupp tal-franċiżi jikkompendi numru ta' mużiċisti li ser ikunu jdoqqu tul il-mawra tagħhom f'Ħal Qormi. Fl-okkażjoni ta' l-għoti ta' l-unur ta' Ġieħ Ħal Qormi dawn se jdoqqu flimkien ma' grupp żgħażagħ Maltin, fl-attivita' li ser tinżamm mill-Kunsill fir-Razzett l-Antik. Is-Sindku nforma wkoll li se tinżamm attivita' fl-iskola tal-Ħandaq bil-parteċipazzjoni tal-mistiedna franċiżi.

## 50/03 PAGAMENTI GĦAD IRIDU JSIRU GĦAX-XAHAR TA' APRIL

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'A'**

a) Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** ssekonda.

**Ivvutaw Favur** it-tmien Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 50/04 AĠĠUSTAMENTI FIR-RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI 2010

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tar-Rapport Finanzjarju Annwali 2010 bl-aġġustament li ppropnew l-Udituri tal-Gvern, u talab lill-*accountant* tal-Kunsill Christian Vella sabiex iressaq spjega tar-rapport.

Is-Sur Vella fisser li fl-awditjar li sar fi Frar li għadda, l-udituri ressqu żewġ aġġustamenti li ser jirriflettu pożittivament fir-riżultat finali tar-rapport finanzjarju. Kien innutat li l-ammont ta' €3,494, li kien imnaqqas direttament mill-Allokazzjoni tal-Gvern, dwar il-Bring-in sites, ma kienx

rifless fl-ammont ta' fondi allokati mill-Gvern Ċentrali, u dan l-aġġustament sar, b'referenza għan-nota numru 3, f'paġna 11, u f'nota numru 8 taħt Bring-in-sites telgħet għal €5,382., kif ukoll taħt nota 20 riflessa fl-*Annual Financial Allocation* tal-2010 ta' €981,508.

It-tieni aġġustament mitlub mill-Udituri kien b'riżultat ta' Memo 7/2011, fejn il-kwistjoni tal-Onorarja tas-Sindku li nħadmet wara li kien hemm żieda fis-salarju tal-membri parlamentari, u tqajmet wara li kienet irriversjata din id-deċiżjoni. Fil-kotba tal-Kunsill dan l-ammont ta' €5,119.67 ma kienx ittieħed bħala *prepayment*, u għalhekk l-aġġustament propost kien muri f'nota numru 7, fejn l-onorarja tas-Sindku kienet mibdula għal €11,708 minflok €16,828 u nota 13 taħt *Other Receivables* żdiedet għal €72,268.

L-Accountant fisser li f'nota numru 12, taħt *Property, plant and equipment* saret riklassifikazzjoni ta' €30 minn *Plant machinery & equipment* għal *Office Furniture & fittings*, u €112 minn *Plant machinery & equipment* għal *Urban Improvements & Construction.*

Inġibdet l-attenzjoni ukoll għan-nota numru 19 li ddaħħlet taħt *Contingent Liabilities*, fejn il-Kunsill matul is-sena 2010 ingħata Allokazzjoni ta' € 76,736 bħala ammont allokat għal '*Tipping Fees'*, filwaqt li l-*Wasteserv Limited* ħarġu b'€26,838 aktar *f'invoicing* matul is-sena 2010. Il-Kunsill segwa Memo 57/2009 *DISPOSAL FEES* ĠODDA GĦAR-RIMI TAL-ISKART IMĦALLAT FIL-*LANDFILL*, numru 5) Matul dan il-perjodu (ta' moniteraġġ), il-Kunsilli għandhom javżaw lil *Wasteserv Malta Ltd*. kull meta l-fattura (*invoice*) tkun ta' aktar tunnellaġġ minn dak li għalih ikunu ġew allokati l-flus mill-gvern, u jħallsu sal-massimu tal-flus li qed jingħataw u mhux iżjed.

Il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kien ukoll ħareġ struzzjoni sabiex l-ebda Kunsill ma jħallas aktar mill-ammont allokat lilu, u għalhekk il-Kunsill qed idaħħal nota f'dan is-sens fir-rapport finanzjarju annwali.

L-*accountant* dar ir-rapport paġna paġna u indika dawn l-aġġustamenti li saru mill-ewwel dokument.

**Is-Sindku** rringrazzja lill-*Accountant* għall-ispjega li ta lill-Kunsill u ppropona li l-Kunsill japprova dan ir-rapport.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur it-tmien (8) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva il-Mozzjoni** u dan id-dokument kien iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv f'seba' kopji li se

jingħataw lura lill-Udituri tal-Gvern, sabiex jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali.

**50/05 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fis-17 ta' Mejju 2011.
Il-laqgħa ntemmet fid-8:00 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | John Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)